# SR CHIARA PACE
## TAS-SORIJIET FRANĠISKANI TAL-QALB TA' ĠESÙ
## 50 sena fil-ħajja reliġjuża

*Sr Chiara, tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, taqsam magħna l-esperjenza tagħha fil-ħajja reliġjuża.*



### SISTER, KIF BDIET IL-VOKAZZJONI TIEGĦEK?

Jiena, Sr Chiara Pace imwielda x-Xewkija. Trabbejt ġewwa familja mimlija għożża u mħabba. Il-vokazzjoni tiegħi żgur li bdiet mill-ħajja nisranija li trabbejt fiha fil-familja. Kont immur għall-adorazzjoni li kienet issir matul il-lejl minn Dun Rużar Borg u Dun Franġisk Debrincat. Konna nkunu ħafna żgħażagħ għal din l-adorazzjoni. Kienu jitkellmu dwar is-sejħa u l-ħajja fil-kunvent u kien propju minn hemm li nibtet ġo fija ż-żerriegħa tas-sejħa għall-ħajja reliġjuża. Kont nitlob lil Ġesù Ewkaristija jdawwalli moħħi biex nagħraf liema triq kelli nagħżel. Darba fost l-oħrajn attendejt għal irtir ta' tlett ijiem organizzat mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Komplejt nitlob u l-Mulej laqqgħani ma' saċerdot u miegħu qsamt ix-xewqa li rrid inħaddan din is-sejħa. Huwa kien għenni biex inwieġeb għal din is-sejħa li l-Mulej kien qed jagħmilli biex ngħix miegħu aktar mill-qrib permezz tal-Konsagrazzjoni tiegħi lilu. Fl-età ta' erbgħa u għoxrin sena ħaddant il-ħajja reliġjuża u fit-3 ta' Awwissu 1971 għamilt l-ewwel Professjoni. Dik perpetwa mbagħad għamiltha fil-5 ta' Settembru 1976.

### FEJN GĦADDEJTHOM DAWN IS-SNIN TAL-ĦAJJA RELIĠJUŻA TIEGĦEK?

Minn hemm mort fil-kunvent ta' Pariġi bħala koka u wara kont imsejħa fil-kunvent tagħna ta' Ruma fejn għaddejt 45 sena. Fl-2020 ġejt imsejħa biex niġi lura u nagħmel parti mill-komunità tax-Xagħra. Illum għaddew ħamsin sena mill-ewwel professjoni reliġjuża u qatt ma ddispjaċieni għall-pass li ħadt.

### X'INHI L-AKTAR ĦAĠA LI TIXTIEQ TIRRINGRAZZJA LILL-MULEJ TAGĦHA LLUM?

Inħoss li għandi nirringrazzjah l-ewwel u qabel kollox talli għażilni biex inkun tiegħu. Jien kont is-seba' waħda fost tlettax aħwa, u lili għoġbu jagħżel il-Mulej. Xħin inħares lura napprezza ħafna dak li għamel miegħi l-Mulej. Nirringrazzjah ukoll li kull fejn kont dejjem provdieli Sorijiet u persuni li aċċettawni u ħabbewni. Kull komunità li kont fiha, dejjem kont kuntenta. Inrodd ħajr minn qalbi lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi u li kontinwament għadu jagħmel.

### X'MESSAĠĠ TIXTIEQ TWASSAL LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-LUM?

Illum huwa aktar diffiċli li żagħżugħ jew żagħżugħa jwieġbu għas-sejħa t'Alla, għax hawn ħafna xi jfixkilhom. Aħna kellna inqas distrazzjonijiet, u aktar familji magħqudin. Imma ngħidilkom: Agħmlu kuraġġ, taqtgħux qalbkom. Fittxu t-talb. Morru quddiem Ġesù Ewkaristija, u l-Mulej jurikom xi jrid minnkom.

